MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2013

Avviz Numru. 246/2007

**Stephen Saliba (ID 257387) f'isem Infected Promotions, Liam Carabott (ID 94687M), Miriam Carabott (ID 378762M) u Lawrence Carabott 9ID 541460M)**
**vs**
**FMA Limited (C 34329) bhala operatur ta' Fresh Music Agency**

Illum 11 ta' Novembru 2013

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur ippresentat fl 10 ta' Awissu 2007 fejn ir-rikorrenti talbu lill dina l-Qorti sabiex tikkundanna lis-socjeta intimata tirrifondihom is-somma ta' tlett elef u hames mitt Liri Maltin, ossija tmint elef, mija u tjenu u hamsin Euro u wiehed u tmeini centezmu (€ 8,152.18) lilu imhalsa skond kuntratt datata 14 ta' Settembru 2006 li ma giex onorat peress illi s-servizzi rikjesti ma gewx prestati.

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata ippresentata fil 25 ta' Settembru 2007 fejn is-socjeta intimata sahqet,

preliminarjament, illi Infected Promotions ma kienetx tesisti bhala entita legali u ghalhekk Stephen Saliba, f'isem Infected Promotions, ma kellu ebda 'locus standi' fil-proceduri odjerni. Hi stqarret ukoll illi ma kellha ebda relazzjoni guridika ma' l-intimati l-ohra peress illi ma iffirmat ebda kuntratt maghhom filwaqt illi sahqet li, fil-meritu, in-nuqqas kuntrattwali gie kkawzat minn Stephen Saliba u ghalhekk ma ghandhiex tkun responsabbli ghal tali nuqqas.

Rat illi, permezz ta' sentenza preliminari moghtija fl 20 ta' Mejju 2008, din il-Qorti, diversament ippresjeduta, laqghet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata u iddikjarat illi Stephen Saliba f'isem Infected Promotions ma ghandu ebda 'locus standi' u allura ma setghax jippromwuovi l-istanza f'isem tali entita inesistenti u ghalhekk nehhiet lill Stephen Saliba mill-proceduri odjerni u ordnat illi l-istess jitkomplew mir-rikorrenti familja Carabott.

Rat illi fit 28 ta' Ottubru 2008 il-Qorti, diversament ippresjeduta, kienet ordnat illi jingabru il-provi fuq it-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjeta intimata, ossija illi ma kien hemm ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta intimata u ir-rikorrenti fmailja Carabott.

Rat ix-xhieda u kontro ezami ta' **Stephen Saliba** moghtija fid 9 ta' Dicembru 2008.

Rat ix-xhieda ta' **Lawrence Carabott** moghtija fit 18 ta' Frar 2009.

Rat ix-xhieda ta' **Miriam Carabott**, **Liam Carabott** u **Claire Carabott** moghtija fl 24 ta' Marzu 2009.

Rat ix-xhieda ta' **Lawrence Carabott** mogthija fis 16 ta' Gunju 2009 fejn esebixxa ukoll kopja tal-ftehim datat 14 ta' Settembru 2006 bejn Gerald Debono "on behalf of Fresh Music Agency" u Stefan Saliba "on behalf of Infected Promotions".

Rat ix-xhieda ta' **Gerald Debono** moghtija fl 14 ta' Ottubru 2009 u l-affidavit tieghu stess ippresentat dakinhar stess.

Rat l-affidavits ta' **Miriam Carabott**, **Lawrence Carabott**, **Liam Carabott** u **Stephen Saliba** lkoll ppresentati fis 17 ta' Novembru 2009.

Rat ix-xhieda in kontro ezami ta' **Gerald Debono** moghtija fil 5 ta' Ottubru 2010.

Rat in-nota b'kopji ta' erbgha cekkijiet imhallsa mir-rikorrenti Miriam Carabott lill Gerald Debono ippresentata fil-25 ta' Jannar 2011.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' **Gerald Debono** moghtija fit 28 ta' Ottubru 2011.

Rat illi fit 28 ta' Ottubru 2011 il-Qorti, kif ippresjeduta, ordnat illi jingiebu l-provi kollha fil-meritu.

Rat l-affidavit ta' **Miriam Carabott** u **Liam Carabott** ippresentati fid 9 ta' Marzu 2012.

Rat l-affidavit ta' **Gerald Debono** ippresentat fis 17 ta' Mejju 2012.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta **Gerald Debono** u ta' **Miriam Carabott** moghtija fit 22 ta' Frar 2013.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' **Liam Carabott** u **Miriam Carabott** moghtija fid 29 ta' April 2013.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' **Stephen Saliba** moghtija fl-24 ta' Mejju 2013.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' **Lawrence Carabott** u **Claire Carabott** moghtija fit 8 ta' Lulju 2013.

Rat illi fis-seduta tat 8 ta' Lulju 2013, il-kawza giet differita ghallum bil-fakolta tan-noti ta' sottomissjonijiet da' parte tal-partijiet.

Rat in-nota ta' sottomissjonjiet tar-rikorrenti ippresentata fit 13 ta' Awissu 2013 u dik tas-socjeta intimata ippresentata fit 12 ta' Settembru 2013.

**Ikkunsidrat**

Illi l-kawza odjerna tikkoncerna party illi saret gewwa il-Buskett Roadhose fil-11 ta' Novembru 2006 fejn kellu jdoqq bhala '*guest*' principali, id-Disk Jockey ta' fama internazzjonali Eddie Halliwell. Jirrizulta illi tali party attwalment sar u Eddie Halliwell nizel Malta sabiex jaghmel ix-show tieghu izda, meta dana mar fuq il-post fejn kien qed isir il-party, ma kienx kuntent bil-prominenza illi kien qed jinghata fil-party, peress illi hass li ma kienx qieghed jinghata l-importanza li huwa ppretenda li kellu jinghata, u ghalhekk telaq 'l barra minghajr ma ghamilx ix-show tieghu.

Skond il-verzjoni pprovduta mir-rikorrenti, Liam Carabott, tifel ta' Miriam u Lawrence Carabott, propretarji tal-Busket Roadhouse, kien qieghed jorganizza dana il-party, taht l-isem ta' Infected Promotions, u kellu habib tieghu, Stephen Saliba, qieghed jghinu fl-organizazzjoni. Dana Saliba kien jaf lill Gerald Debono, li jahdem fil-kamp tal-parties u kellu kuntatti ma' diversi persuni ta' fama internazzjonali. Ghalhekk iltaqghu ma' Debono sabiex igibu s-servizzi tad-DJ Eddie Halliwell ghall-party u Debono ikkonferma li Halliwell seta jigi Malta ghal party. Ghalhekk gie iffirmat ftehim ma' Debono sabiex jinzel Halliwell u Debono thallas kemm ghas-servizzi tieghu kif ukoll ghal dawk ta' Halliwell.

Minn naha l-ohra, skond il-verzjoni pprovduta mis-socjeta intimata tramite ir-rappresentant taghha Gerald Debono, huwa stqarr illi kien gie avvicinat minn Stephen Saliba fejn dana qallu li kien ser jorganizza party gewwa Buskett Roadhouse u ried DJ tajjeb. Issemma Eddie Halliwell u Debono kellu jivverifika jekk attwalment setax jigi jew le. La darba Debono ivverifika li Halliwell seta jigi, huwa lesta kuntratt fuq dettalji moghtija lilu minn Saliba stess u, wara illi dana gie iffirmat, thallas ghas-servizzi tieghu u ta' Halliwell u ha hsieb illi Halliwell jinzel Malta ghall-party. Dakinhar tal-party, izda, Debono ma kienx Malta u ghalhekk ma kienx akkumpannjah il-party, izda Halliwell

mar akkumpannjat ma habib tieghu Malti, John Refalo, maghruf ukoll bhala DJ Joy.

Dwar il-party inniffsu, jidher illi l-kwistjoni kollha inqalghet ghax, meta mar fuq il-post Halliwell, ra illi kien hemm zewgt postijiet fejn kien qed jindaqq il-muzika u, fejn kien qieghed jitqieghed biex idoqq hu ma kienx daqstant kbir daqs il-post l-iehor fejn kien qed jindaqq muzika ohra. Jidher illi dana il-fatt wassal lill-Halliwell jikkonkludi illi ma kienx qieghed jinghata l-importanza kollha fil-party li kien jigi organizat u ghalhekk ma riedx idoqq. Skond ir-rikorrenti, mument minnhom, dana Halliwell kien gie konvint sabiex idoqq peress illi kienu saru l-arrangamenti necessarji izda, dak il-mument, il-habib tieghu Malti, Refalo, beda jiggieled ma xi DJ's ohra li maghhom kellu kwistjoni, u qallu biex jitilqu 'l hemm u hekk ghamlu.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-proceduri odjerni, dina l-Qorti, diversament ippresjeduta, gia ikkunsidrat l-ewwel eccezzjoni imressqa mis-socjeta intimata ossija li Stephen Saliba, f'isem Infected Promotions, ma kellu ebda 'locus standi' fil-proceduri odjerni. Bhala rizultat, din il-Qorti trid tiddeciedi t-talba illi l-familja Liam, Miriam u Lawrence Carabott ghamlu kontra FMA Limited.
Mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti, partikolarment il-provi dokumentarji, jidher illi sar ftehim iffirmat bejn Stephen Saliba "*on behalf of Infected Promotions*" u Gerald Debono "*on behalf of Fresh Music Agency*" u jidher illi saru erbgha pagamenti lill Gerald Debono permezz ta' erbgha cekkijiet lkoll mahruga minn Miriam Farrugia bejn il 5 ta' Ottubru 2006 u id 9 ta' Novembru 2006 fl-import totali ta' Lm1,399. Dawna huma l-unici provi dokumentarji illi z-zewgt partjiet ippresentaw lill dina l-Qorti.

Dwar il-ftehim li fuqu hija ibbazata tali kawza, jirrizulta illi ghalkemm tali ftehim kien jindika lill Gerald Debono bhala "Agency" u Stephen Saliba bhala 'Promoter", il-kopja prodotta mir-rikorrenti hija iffirmata unikament minn

Gerald Debono, liema firma tidher ukoll fuq wara ta' l-erbgha cekkijiet illi Miriam Carabott harget lill-Gerald Debono personalment.

Ghajr ghal tali provi dokumentarji, l-Qorti ikollha taghmel referenza ghax-xhieda prodotta quddiema.

Skond tali xhieda, ir-rikorrenti jghidu illi Liam Carabott u Stephen Saliba kienu ghaddejjin fi trattattivi ma' Gerald Debono dwar id-DJ Halliwell u saru diversi laqghat fejn kemm Carabott u Saliba ltaqghu ma' Debono. Sussegwentement il-ftehim intlahaq u, darba minnhom, Saliba mar wahdu ghand Debono u dana kellu l-kuntratt lest u, "minghajr ebda hsieb" Saliba iffirmah. Meta mar lura, ir-rikorrenti jghidu li l-familja Carabott irrabjat ma' Saliba ghax qalulu illi ma kellux jiffirma il-kuntratt hu ghax kienu qed johorgu l-flus huma u huwa kull ma kien f'din il-kwistjoni kien biss habib li qed jghin lilhom fl-organizazzjoni tal-party.

Jirrizulta, izda, li Saliba baqa' involut fl-organizazzjoni tal-party, ghalkemm il-familja Carabott kienu kontrarjati mieghu talli ffirma il-kuntratt, haga li ghalih ma ghamlu xejn biex jigi irrangat. Apparti minn hekk, jirrizulta li, ghalkemm il-familja Carabott ghandhom business huma stess u, ghalhekk, ghandhom il-VAT number taghhom, ghas-servizzi kollha maghmulha fil-party li kien qieghed jigi organizzat kif ukoll fuq il-biljetti kollha ghad-dhul tal-party, kien qieghed jintuza il-VAT number illi kellu registrat f'ismu Stephen Saliba, li kellu, dak iz-zmien, confectionary u mhux dak tal-familja Carabott.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi, ghalkemm il-familja Carabott lkoll jghidu illi l-party kien qieghed jigi organizzat minnhom u kienu huma li qabbdu is-servizzi ta' Gerald Debono, tali asserzjoni ma ssibx riskontri la fid-dokumentazzjoni u lanqas f'certi fatti importanti relatati mal-kawza odjerna.

Il-Qorti ma tistax ma tistaqsix ghaliex, la darba il-familja Carabott kienu qed jorganizzaw il-party huma biss u Saliba kull ma kien huwa habib tat-tifel Liam u li kien qed jghinu, intuzat in-numru tal-VAT ta' Saliba ghal bejgh tal-biljetti u ghal hlas tas-servizzi lkoll konnesi mal-party. Il-Qorti ma temminx illi l-hbiberija ta' Saliba kienet tant illi kienet ser twasslu li tissuggettah ghall obbligu illi jhallas it-taxxa indiretta hu tal-party kollha ghal familja Carabott u li jkun soggett ghall-iskrutinju tad-Dipartiment tal-VAT kif ukoll tal-Income Tax fuq il-qliegh registrat minn tali party. Hadd ma jaghmel xejn ghal xejn!

Il-Qorti ma tistax ma tghidx illi huwa ferm aktar verosimili dak li stqarr Gerald Debono sa mill-bidu nett meta huwa ircieva l-ewwel ittra minghand il-konsulent legali tar-rikorrenti fejn ghamilha cara illi huwa ma kellu x'jaqsam xejn mal-familja Carabott u kull ma kellu x'jaqsam kien ma' Stephen Carabott.

Il-Qorti, f'dana l-istadju, ma tistax ma tirrilevax ukoll illi il-ftehim li fuqu kienet ibbazata il-kawza odjerna, sar bejn Gerald Debono u Stephen Saliba. Mid-dokumentazzjoni kollha ma jirrizulta ebda ness bejn is-socjeta FMA Limited u Gerald Debono u, ghalkemm il-Qorti tifhem li FMA Limited hija derivativa ta' "Fresh Music Agency" li f'isimha kien qieghed jopera Gerald Debono, kien Gerald Debono f'ismu personali bhala operatur ta' Fresh Music Agency illi dahal ghall-obbligi kuntrattwali u mhux FMA Limtied.

Il-Qorti, in konkluzjoni, tifhem illi dak li attwalment gara kien illi l-party kien organizzat minn Stephen Saliba u huwa dahhal lill Liam Carabott mieghu peress illi l-ggenituri tieghu ghandhom il-post bl-isem ta' Buskett Roadhouse, fejn kien ser jsir il-party. Stephen Saliba kien responsabbli illi jorganizza l-party kollha, inkluz id-dhul u spejjez relattiv filwaqt illi Liam Carabott, bl-ghajnuna tal-genituri tieghu, kienu responsabbli ghal venue tal-party. Dana, allura, iffisser illi Stephen Saliba kien l-organizzatur tal-party, tant illi dana il-party kellu l-VAT number tieghu utilizzat, u ghalhekk hu kien il-persuna illi seta jniedi l-proceduri odjerni, u dana f'ismu personali u mhux f'isem entita' non esistenti bhalma kienet Infected Promotions.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u d-dokumentazzjoni kollha esebita.

Wara illi rat li, fl-20 ta' Mejju 2008, dina l-Qorti, diversament ppresjeduta, iddecidiet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata billi laqghitha,

Wara illi rat il-provi kollha migbura fuq il-meritu u l-eccezzjonijiet kollha rimanenti,

Wara illi rat is-sottomissjonjiet bil-miktub taz-zewgt partijiet

Tghaddi beix taqta' u tiddeciedi billi

**Tilqa** it-tieni eccezzjoni tas-socjeta intimata filwaqt illi tastjeni milli tkompli tikkunsidra it-tielet eccezzjoni u ghalhekk

**Tichad** it-talbiet attrici

Spejjez tal-proceduri odjerni jkunu kollha a kariku tar-rikorrenti

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------